31996D0424



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Mejju 1996

## dwar it-tqegħid fis-suq taċ-ċikwejra maskili sterilizzata u ġenetikament modifikata (*Cichorium intybus* L.) b'tolleranza parzjali għall-erbiċida glufosinate ammonium skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE

**(Text b' relevanza għaż-ŻEE)**

(96/424/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 t'April 1990 dwar ir-rilaxx intenzjonali fl-ambjent tal-organiżmi ġenetikament modifikati [1], kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/15/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 ta'dan,

Billi, skond l-Artikoli 10 sa 18 tad-Direttiva 90/220/KEE, teżisti proċedura tal-Komunità li tippermetti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti l-kunsens għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati

Billi saret notifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru (l-Olanda) dwar it-tpoġġija fis-suq ta' dan il-prodott;

Billi, wara l-awtorità kompetenti tal-Olanda, għaddiet id-dokument dwar dan lill-Kummissjoni b' opinjoni favorevoli; billi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra għamlu oġġezzjoni għal dan id-dokument;

Billi, għaldaqstant, skond l-Artikolu 13 [3], jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE;

Billi, l-Kummissjoni wara li eżaminat l-oġġezzjonijiet kollha li saru fid-dawl tal-iskop tad-Direttiva 90/220/KEE u l-informazzjoni mogħtija fid-dokument, waslet għall-konklużjonijiet li ġejja:

— m' hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jaħseb li ser ikun hemm effetti ħżiena mit-trasferiment tal-ġeni *bar* fil-popolazzjonijiet taċ-ċikwejra u dan minħabba l-fatt li dan it-trasferiment seta' biss jagħti vantaġġ kompetittiv jew selettiv lill-popolazzjonijiet slavaġ kieku l-erbiċida glufosinate-ammonium kien l-uniku mezz kif wieħed jikkontrolla dawn il-popolazzjonijiet, iżda li mhux il-każ,

— il-kunsens għat-tqiegħed fis-suq tal-prodott m' għandux ikopri l-użu tiegħu bħala ikel għall-bniedem jew ikel għall-annimali minħabba li n-notifika ppreżentata ma tkoprix dawn l-aspetti,

— m' hemm l-ebda raġuni ta' sigurtà għaliex it-tikketta għandha ssemmi li l-prodott ikun inkiseb b' tekniċi ta' modifikazzjoni ġenetika;

— minħabba li 50 % miż- Żerriegħa ibrida titttolera l-erbiċida, it-tikketta għandha ssemmi li l-prodotti jitsgħu jkunu tolleranti għall-erbiċida ammonju tal-glufosinat, ħalli dawk li jrabbu jintebħu li jista' ma jkunx possibli li tikkontrolla dawk l-erbi li jitilgħu bla kontroll bl-ammonju tal-glufosinat;

billi jippermettu l-erbiċidi kimiċi jiġu applikati lil pjanti u l-istima tal-impatt tal-użu tagħhom fuq is saħħa tal-bniedem u l-ambjent jaqa' taħt l-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ta' Lulju 1991 li jikkonċerna it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-prtoezzjoni tal-pjanti (3), kif l-aħħar emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/12/KE [4], u ma jaqax taħt l-iskop tad-Direttiva 90/220/KEE;

(1) ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15.
(2) ĠU L 103, tat-22.4.1994, p. 20.
(3) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
(4) ĠU L 65, tal-15.3.1996, p. 20.

Billi l-Artikolu11 (6) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva jipprovdu protezzjoni ulterjuri jekk issir disponibbli informazzjoni ġdida dwar ir-riskji li l-prodott jista' jikkawża;

Billi l-miżuri li hemm previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri stabbiliti taħt l-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

1. Mingħajr preġudizzju għall-liġijiet l-oħra tal-Komunità u bla ħsara għall-kondizzjonijiet msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, l-kunsens għat-tqegħid fis-suq tal-prodott li ġej li ġie nnotifikat minn Bejo-Zaden BV (Ref. C/NL/94/25), taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 90/220/KEE, jingħata mill-awtoritajiet tal-Olanda.

Il-prodott jikkonsisti f'żerriegħa u pjanti meħuda miċ-ċikwejra (*Cichorium intybus* L. sottospeċi radicchio rosso) linji (RM3-3, RM3-4 and RM3-6) li ġew mibdula bl-użu ta' *Agrobacterium tumefaciens disarmed* Ti-plasmid li jkunu jinsabu fil-borduri tat-T-DNA:

(i) il-ġeni *barnase* mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (a ribonuclease) bl-aġent mexxej PTA29 minn *Nicotiana tabacum* u t-terminatur tal-ġeni nopaline synthase mill-*Agrobacterium tumefaciens*;

(ii) il-ġeni *bar* mill-*Streptomyces hygroscopicus* (phosphinothricin acetyltransferase) bl-aġent mexxej PSsuAra-tp mill-*Arabidopsis thaliana* u l-ġeni 7 TL-DNA termintaru mill-*Agrobacterium tumefaciens*;

(iii) il-ġeni ġdid mill-*Escherichia coli* (neomycin phosphotransferase II) bl-aġent mexxej tal-ġeni nopaline synthase mill-*Agrobacterium tumefaciens* u l-ġeni terminatur tal-octopine synthase mill-*Agrobacterium tumefaciens*.

2. Dan il-kunsens ikopri kull proġeni meħud mit-taħlit tal-prodott ma' qamħirrun mkabbar b' mod tradizzjonali.

3. Il-kunsens preżenti jkopri l-użu tal-prodott għall-attivitajiet ta' tkattir.

4. Mingħajr preġudizzju għall-ittikkettjar meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità, se jkun indikat fuq it-tikketta ta' kull pakkett ta' żerriegħa li l-Prodott:

— għandu jintuża għal attivitajiet ta' tgħammir,

— u jista' jkollu tolleranza għall-erbiċida glufosinate ammonium.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' May 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Ritt BJERREGAARD

*Membru tal-Kummissjoni*